MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2007

Numru. 1055/2002

**IL-PULIZIJA
(SPETTUR ALFRED MALLIA)**

**vs**

**KATIA CHISARI ta' wiehed u ghoxrin sena bint Fabrizio u Maria nee' Sultana, imwielda Pieta' fil-31 ta' Dicembru 1985 u residenti 127, Flat 4, Triq San Kristoferu, Belt Valletta dentrici tal-karta ta'l-identita bin-numru 408386(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom l-imputata Katia Chisari giet akkuzata talli fis-27 ta' Ottubru 2002 ghal habta tat-7:45pm, gewwa il-Belt Valletta hija:-

1. volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamlet hsara fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBI 139 tal-marka Ford KA, proprjeta ta' Manellie Cassar minn San Gwann, liema hsara hija iktar minn Lm50 (hamsin lira Maltin) izda mhux aktar minn Lm500 (hames mitt lira Maltin) ghad-dannu ta'l-istess Manellie Casar u dana bi ksur ta'l-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. volontarjament kissret il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dana bi ksur ta'l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. qalet fil-pubbliku kliem indicenti oxxen, liema kliem jikkonsisti f'dagha u dana bi ksur ta'l-artikolu 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. u tali fl-istess data ghal habta ta' xi 10;00p.m. gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Belt Valletta iddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat liema reat kienet taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dana ir-reat kien sar u dana bi ksur ta'l-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esbiti;

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Gnerali sabiex dina l-kawza tigi ittratata bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba quddiem din il-Qorti irrizulta illi dan l-incident inqala' minhabba xi disgwid li kien jezisti dwar kwistjoni trivjali bejn xi tfajliet zaghzagh fosthom l-imputata u certu Manellie Cassar. Mill-provi madanakollu ma

jirrizultax b'mod car kif beda l-incident u ir-raguni 'il ghala inqala'. Jidher illi grupp zghazagh kienu ingabbru f'xi bar fi Pjazza Mattia Preti il-Belt Valletta, li fosthom kien hemm l-imputata, l-parti leza, ohtha u xi hbieb ohra. Jidher illi Cassar f'xi hin illargat ma' habiba taghha certu Sharon Pace minn hemm u halliet il-vettura misjuqa minnha ipparkeggjat f'dina iz-zona. Jidher illi hekk kif dina illargat inqala' xi disgwid bejn l-imputata u xi tfajliet ohra li kienu hemm u f'xi hin minnhom l-imputata intlemhet qieghda tkisser il-vettura ta' Cassar sabiex b'hekk giet ikkagjonata il-hsara li biha hija akkuzata f'dawn il-proceduri.

Irrizulta illi ghalkemm l-parti leza ma ratx lill-imputata taghmel dina l-hsara, izda mill-provi jidher illi kien hemm xi xhieda okulari u cioe' certu Erika Pace (li tigi oht Sharon Pace) li xehdet illi hija rat lill-imputata tkisser il-vettura ta' Cassar. Sussegwentement l-imputata ghamlet rapport fl-ghassa tal-pulizija tal-Belt dwar dana l-incident u cioe' dwar dina l-glieda li inqalghet fejn irrappurtat li kienet sfat aggredita minn certu Mellanie, Claire u Josephine (ara rapport a fol 14 et seq) u ipprezentat certfikat mediku in konnessjoni mal-griehi sofferti minnha f'dana l-incident (esebit a fol.10 tal-process). Dana id-disgwid bejn dawna iz-zaghzagh jidher illi illum il-gurnata gie sorvolat tant illi fix-xhieda taghha in kontro-ezami l-parti leza stqarret illi illum hija u l-imputat huma hbieb u hija haffritilha ta'l-akkadut.

A. L-akkuza dwar il-hsara volontarja.

Illi l-imputata fl-ewwel imputazzjoni tinsab akkuzata illi ikkagunata hsara volontarja fuq vettura bin-nurmu ta' registrazzjoni CBI 139 tal-marka Ford Ka ghad-dannu ta' Manellie Cassar. Issa d-difiza qieghda tressaq it-tezi illi l-akkuza kif dedotta ma tirrizultax peress illi mill-provi migjuba jidher illi l-parti leza ma hijiex Manellie Cassar izda l-assigurazzjoni taghha. Illi fl-ewwel lok ghandu jinghad illi mill-atti processwali lanqas jirrizulta b'mod car x'inhu isem il-parti leza u dana peress illi ghalkemm fl-akkuza jidher illi l-isem qieghed jigi indikat bhala Manellie, madanakollu mill-atti processwali l-parti leza tigi indikata bl-isem ta' Melanie. Inoltre jidher illi l-vettura li sofriet il-

hsara kienet fil-fatt proprjeta ta' omm Manellie jew Melanie Cassar. Dana qed jinghad ghaliex mill-atti processwali u senjatment Mid-Dokument S3 esebit a fol.17 tal-process u mid-Dokument S2 esebit a fol.13 tal-process, sid il-vettura qed tigi indikata bhala certu Marthese Cassar. Id-Dokument S3 huwa stima mahruga minn Gasan Group of Companies dwar l-allegati danni fejn qed jigi indikat illi l-isem tal-persuna li fuqha harget l-istima hija Mrs. Marthese Cassar ta' 107, Triq San Nikola, Valletta, imbaghad a fol.17 u cioe' fid-Dokument S3 li huwa ir-rapport mehud mill-Pulizija dwar dan l-incident minn PS325 Patrick Bonnici gie indikat mis-surgent f'dik il-parti fejn hemm id-dettalji dwar il-vettura in kwistjoni illi s-sid hija certu Maria Teresa Cassar ta' Vimar Triq ic-Ciefa San Gwann, li mill-istess rapport tidher illi hija omm Manellie Cassar. Fil-fatt anke mix-xhieda stess ta' PS325, jirrizulta illi "l-karozza CBI 139, marka Ford Ka, tghajjat lil Maria Tereza Cassar minn San Gwann li tigi omm Melanie Cassar.' (a.fol.25). Irid jinghad ukoll illi mill-provi migjuba quddiem il-Qorti jirrizulta u dana senjatament mix-xhieda ta'l-istess Manellie jew Melanie Cassar illi ghal dina l-hsara hallset l-kumpanija ta'l-assikurazzjoni li maghha kienet assikurata dina l-vettura u cioe' is-socjeta Untours.

Maghdud dana kollu madanakollu, mill-provi imressqa ma hemmx dubbju illi fil-fatt l-imputat ikkagjonat dina l-hsara li biha hija giet akkuzata fuq il-vettura in kwistjoni. Hemm xhud okulari u cioe' Erika Pace li tghid illi "marret (b'referenza ghall-impuatat) b'girja hdejn il-karozza. Kissritilha l-windscreen, il-mirja, il-wipers." (ara xhieda ta' Erika Pace a fol.60). Dina l-hsara giet ikkonfermata mix-xhud David Gatt, rappresentant ta' Gasan Enterprises Limited, li anke ikkonferma l-ammont tal-hsara ikkagjonata ta' Lm465.11.

Illi ghalhekk, ghalkemm il-Qorti hija tal-fehma illi l-prosekuzzjoni ma irnexxiliex tipprova minghajr dubbju ragjonevoli minn kienet il-persuna illi materjalment sofriet il-hsara f'dana il-kaz jekk kenitx Manellie jew Melanie Cassar, kif indikat fl-akkuza, jekk kenitx Maria Teresa jew Marthese Cassar, jew kenitx il-kumpanija ta'l-

assikurazzjoni Untours., madanakollu hija irnexxielha tipprova illi l-imputata ikkagjonat dina l-hsara volontarja fuq il-vettura in kwistjoni.

F’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Robert Portelli omissis deciza fl-20 ta’ Marzu 2000, il-Qorti sostniet:
“*Kif huwa ben saput, fir-reat ta’ hsara volontarja ai termini ta’l-artikolu 325 tal-Kodici kriminali, mhux element rikjest ghat-twettiq u kompletezza ta’ dana ir-reat li jkun maghruf min huwa l-proprjetarju ta’l-oggett danneggjat. Li trid il-ligi huwa li jkun jirrizulta li saret xi hsara volontarja fuq xi oggett li min-natura tieghu stess juri bic-car li huwa ta’ terzi, fis-sens li ma kienx xi oggett abbandunat, u liema oggett ghandu xi forma ta’ valur, anke jekk sidu jibqa’ injot*.”

Issa f’dana il-kaz ma hemmx dubbju illi dina l-vettura tappartjeni lil xi hadd u li ma kenitx abbandunata. Kif inghad iktar ‘il fuq jidher illi dina l-vettura tghajjat bhala sid lil Marthese Cassar li hija omm Manellie jew Melanie Cassar u li tkun misjuqa minn Manellie Cassar. Kwindi l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront ta’l-imputata tirrizulta ippruvata.

Illi l-istess jista’ jinghad dwar l-ammont tal-hsara ikkaggjonata mill-imputata. Illi l-akkuza kif ifformulata taqa’ taht id-dispost ta’l-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 liema subinciz jirreferi ghal hsarat li huma aktar minn Lm50, izda huma anqas minn Lm500. Jirrizulta mill-provi migjuba illi l-hsara ikkagjonata kien fl-ammont ta’ Lm465.11 u dana kif jirrizulta mid-Dokument S2 a fol.13 u mix-xhieda tar-rappresentanat ta’ Gasan Enterprises David Gatt. Illi ghalhekk dana id-dispost tal-ligi huwa sodisfatt pjenament u dana peress illi in linea ma dak illi gie deciz iktar ‘il fuq l-azzjoni tirnexxi anke jekk ikun hemm indikazzjoni zbaljata tal-parti leza jew inkella jekk il-parti leza indikata fl-akkuza tkun fil-fatt sofriet biss parti mill-hsara indikata u parti ohra tkun sofferta minn terz mhux indikat fl-akkuza.

B. L-akkuzi kontravvenzjonali

Illi dwar it-tieni u it-tielet akkuza, li huma ta' natura kontravenzjonali, id-difiza issollevat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta'l-azzjoni bid-dekors tat-tlett xhur. Illi ghalkemm id-difiza issollevat dina l-eccezzjoni, il-prosekuzzjoni naqqset li tipproduci r-riferta relattiva sabiex jigi stabbilit meta effettivament l-impuatat giet notifikata bl-akkuza odjerna. Illi jidher illi l-incident sehh fis-27 ta' Ottubru 2002, u l-akkuza giet ipprezentata fis-27 ta' Dicembru 2002 u cioe' xahrejn wara. Dak in-nhar stess il-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-26 ta' Marzu 2003. Prova dwar meta effettivament f'dana il-perijodu giet innottifikata l-imputata bl-akkuza ma ingabitx.

Issa l-artikolu 688(f) jiddisponi illi l-akkuzi kontravenzjonali jaqghu bid-dekors ta' tlett xhur. L-artikolu 693, imbaghad jelenka ic-cirkostanzi fejn iz-zmien tal-preskrizjoni jinkiser fosthom bin-notifika ta'l-atti kif ukoll bil-prezentata tac-citazzjoni (ara artikolu 693(1) u (2)). Mill-atti processwali, kif indikat iktar 'il fuq jidher illi l-ewwel ksur tal-perijodu ta' tlett xhur sehh fis-27 ta' Dicembru meta imbaghad dana iz-zmien beda jiddekorri mill-gdid (693(3).) Issa l-ewwel appuntament quddiem il-Qorti kien fis-26 ta' Marzu, ezattament qabel ma iddekorra il-perijodu ta' tlett xhur mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni. Ghal dina s-seduta l-imputata dehret. (ara verbal 26 March 2003 a fol.6), inqrat l-akkuza u sar l-interrogatorju. Kwindi ghal dawn il-motivi, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-akkuzi kontravvenzjonali sollevata mid-difiza qed tigi respinta.

Issa mill-provi migjuba jidher ili l-imputata kienet involuta fi glieda, tant illi anke ghamlet hsara fil-vettura in kwistjoni u ghalhekk l-akkuza tal-ksur tal-buon ordni u l-paci pubblika tirrizulta ippruvata. Izda l-ebda mix-xhieda ma qalu illi semghu lill-imputata f'xi hin tidghi jew tghid xi kliem oxxen. Erika Pace tghid li l-imputata qalet il-kliem "Melanie, Melanie", izda ma tghidx li semghetha f'xi hin tidghi u ghalhekk it-tielet akkuza ma hijiex ippruvata.

C. L-akkuza dwar ir-rapport falz

Illi l-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 jiddisponi illi persuna tkun hajta li ghamlet rapport falz, meta hija tiddenunzja lill-Pulizija Ezekkutiva reat li taf li ma sehhx. Issa r-reat f'dana il-kaz kien effettivament sehh u dana peress illi kien minnu illi l-imputata Katia Chisari sfat aggredita f'dina il-glieda li inqalghet. Ma huwiex car mill-provi migjuba quddiem dina l-Qorti min kienu effettivament in-nies involuti f'dina l-glieda, izda l-Qorti ma ghandhiex dubbju illi dina il-glieda sehhet tant illi l-imputata sofriet xi griehi kif jirrizulta mic-certifikat mediku esebiet a fol.10 tal-process u anke mix-xhieda ta' Dr. Marcel Schembri a fol.72 et seq tal-process. Illi kemm mic-certfikat mediku kif ukoll mix-xhieda tat-tabib jidher illi l-imputata fost affarijiet ohra kellha marki ta' gdim fuq diraghjha tax-xellug, liema griehi ghalhekk huma fin-natura taghhom kompatibbli ma' xi konfront bejn tnejn minn nies jew aktar.

Illi ghalkemm huwa minnu illi mill-provi prodotti u mill-investigazzjonijiet li ghamlu l-pulizija jidher illi Manellie jew Melanie Cassar ma kenitx prezenti meta sehhet dina l-glieda, izda ma jirrizultax mill-provi jekk fil-fatt il-pulizija ghamlux xi stharrig dwar jekk il-persuni l-ohra indikati kienux involuti u min kienet il-persuna li effettivament ikkagunat il-griehi allegatament sofferti mill-imputata. Kwindi ghar-rigward ta' dina l-akkuza il-Qorti tqies illi l-prosekuzzjoni ma irnexxiliex tipprova illi fil-fatt l-imputata kienet ghamlet rapport falz lill-pulizija dwar dana ir-reat. Anzi jidher mill-provi illi xi reat kien fil-fatt sehh. Izda ma sarux investigazzjonijiet ulterjuri sabiex jigi stabbilit kif kien sehh dana ir-reat u min kienu il-persuni involuti fih jekk kenux dawk indikati minn Chisari o meno!

Ikkunsidrat;

Illi dwar piena il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputata ghandha fedina penali kwazi netta u li l-parti leza tidher illi haffret lill-imputata ta'l-akkadut u anke jidher illi illum dana l-incident intesa u il-partijiet ghandhom relazzjoni tajba ma' xulxin. X'aktarx illi dana kien incident uniku rigward xi disgwid li kien hemm bejn il-partijiet li illum gew sorvolati. Jidher inoltre illi l-assikurazzjoni

ghamlet tajjeb ghal hsara ikkagjonata lill-parti leza u kwindi il-parti leza ma hijiex qed tippretendi l-ebda forma ta' rifuzjoni jew kumpens minn ghand l-imputata,

Ghaldaqstanat il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, wara li rat l-artikoli 325(b), 338(bb), 338(dd), 110(2), 688(f) u 693 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt illi ma issibx lill-imputata Katia Chisari hatja tat-tielet u ir-raba imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess, issib lill-imputata Katia Chisari hatja ta'l-ewwel u t-tieni akkuzi migjuba kontra taghha, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq migjuba wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni illi hija ma tikkomettiex reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-qorti, qieghda twissi lill-imputata bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkometti reat iehor f'dana il-perijodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

Edwina Grima (ft)
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------